**223. Il-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar jipproponi:**

Billi b'riżoluzzjoni tas-Seduta nru. 310 tas-7 ta' Awissu, 1979, il-Kamra tad-Deputati approvat għotja b'kiri ta' *Ħuts* f'Ħal-Luqa lin-nies tas-sengħa li japplikaw għalihom;

U billi b'diversi riżoluzzjonijiet il-Kamra tad-Deputati ġeddedt l-imsemmija Riżoluzzjoni sas-7 ta' Novembru, 1984;

U billi skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-artiklu 3 ta' l-Att ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati mgħoddija għall-finijiet tal-paragrafu (ċ) tas-subartiklu (1) ta' l-artiklu fuq imsemmi, tibqa' sseħħ għal żmien tliet xhur mid-data li tgħaddi, iżda tista' tiġġedded b'riżoluzzjoni oħra li ssir wara, għall-perjodu ieħor ta' tliet xhur jew għal dak il-perjodu l-ieħor li jista' jiġi speċifikat;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li r-riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati fuq imsemmija tas-7 ta' Awissu, 1979, terġa' tiġġedded mit-8 ta' Novembru, 1984 sas-7 ta' Novembru, 1987.

15.05.85